MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 263/2007

Il-Pulizija
(Spt. J. Cilia)
Vs
Arthur Montesin

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Gunju, 1999 u matul ix-xhur ta' qabel din id-ata, fil-Marsa, f'Rahal Gdid u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda w cioe:

Ikkommetta serq ta' diversi oggetti, fosthom kwantita' ta' viti, nases tal-grieden, u saqajn tal-imwejjed, mil-Continental Postform Ltd., sitwata fi Triq Garibaldi, Marsa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u hin u li sar ghad-detriment ta' l-istess kumpanija.

Xjentement b'kull mod li jkun, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Gunju, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 344 u 533 tal-Kapitolu 9, ma sabitx lill-appellant hati ta' serq izda hati tar-reat ta' ricettazzjoni, qisitu ukoll recidiv u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' tmintax-il xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati, w tirrevokaha ghall-kumplament billi tilliberah minn kull htija w piena, w fi kwalunkwe kaz, taghti provvediment dwar piena li aktar jaghmel ghall-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. l-appellant kellu boroz vojta tal-gwiez . Ma nstabx vit wiehed jew nassa wahda ghandu. Il-fatt li l-boroz kienu tal-*compost* mhux univoku li kienu biss minnghand dik il-fabbrika ghaliex kienet taghmel kollox barra trabbi l-qsari. Ma kienux gew minn barra b' marki unici li kienu juru li kienu importati mill-fabbrika derubata. Ghalhekk il-korroborazzjoni li sabet l-Ewwel Qorti ma kienetx prova univoka w konkordanti. L-appellat ta l-

versjoni tieghu li ma kienetx inqas attendibbli minn dik ta' Bugeja w kien bizzejjed ghalih li dil-prova tasal li tikkonvinci sal-grad tal-probabbli. Ghalhekk l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti ma kienx ragjonevoli w skond il-ligi. 2. Kienet tapplika fil-kaz tal-appellant ir-recidiva brevi w minn meta skonta l-piena sakemm sar l-allegat serq, kien ghadda t-terminu stabilit mill-art. 50 tal-Ka.9. Inoltre l-appellant gie liberat mis-serq u mhux stabbilita d-data tar-ricettazzjoni. Ghalhekk tonqos il-prova certa tar-recidiva. 3. Dwar il-valur, il-Qorti kellha tmur ghall-inqas valur previst skond il-ligi, ghax ma jirrizultax li l-appellant kien ricettatur ta' kollox. 4. Dwar il-piena, l-appellasnt ghandu 71 sena w il-perikolizita' tieghu socjali m' ghadhiex hemm. Li din il-Qorti, jekk taqa' r-recidiva, m' ghandix ghax ma tapplikax ghal sena provvediment li jaghmel ghall-kaz flok piena karcerarja.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju principalment jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti meta rriskontrat il-htija dwar l-akkuza ta' ricettazzjoni.i w l-addebitu tar-recidiva imputati lill-appellanti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-

sens "*inter alia*" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94]; **"Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991]**; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392).

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **"Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt",** deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta …. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta’ revizjoni ma tkunx semghet hi stess ix-xiehda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti , imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti w ghalhekk, fejn si tratta ta’ valutazzjoni ta’ kredibilita’ ta’ xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda w rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta’ fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero’ taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal *b’mod “safe and satisfactory”* ghall-konkluzzjoni ta’ htija.

Issa mill-ezami akkurat w approfondit tal-provi li ghamlet din il-Qorti, hija ghal kollox sodisfatta li kien hemm altru milli provi bizzejjed fuqhiex l-Ewwel Qorti setghet tistrieh biex issib l-appellant hati tal-akkuza bl-addebitu ta' recidiva, skond l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, mressqa kontra tieghu.

Dan wara li kkonsidrat;

Illi hemm prova diretta, skjetta w konvincenti ghall-ahhar gejja mid-depozizzjoni ta' **Richard Bugeja** li xehed bla tlaqlieq ta' xejn li r-*res furtiva* kien tahielu l-appellant go boroz tal-*peat* u li kien hemm sahansitra ftehim bejnithom biex hu jindahal biex ibiegh l-oggetti li rrizultaw misruqa fuq firxa ta' zmien mill-fabbrika ta' Continental Postform Ltd. tal-Marsa, mbaghad jaqsmu r-rikavat mill-biegh u spacc tal-istess oggetti. L-Ewwel Qorti kellha l-opportunita' li tisma' **viva voce** lil dan ix-xhud u setghet taghmel kull apprezzament tal-kredibilita' o meno tieghu skond il-kriterji indikati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti li setghet biss taqra t-traskrizzjoni tal-istess depozizzjoni ma sabet xejn fl-istess depozizzjoni li tista twassalha biex tiskarta tali depozizzjoni bhala inveritjiera.

Illi mbaghad hu sintomatiku hafna li ghand l-appellant instabu tmintax il-borza tal-plastic li jintuzaw biex fihom

jimbiegh il-*peat, bil-logo ta' SUNSHINE PEAT MOSS (ara ricevuta a fol.26)* li kienu identici ghal dawk li fihom instabu whud mill-oggetti misruqa mill-imsemmija fabbrika ghand Qormi Aluminium. L-Ewwel Qorti qieset din ic-crkostanza bhala wahda korroboranti w li ssahhah mhux ftit il-versjoni tax-xhud tal-prosekuzzjoni. Din il-Qorti taqbel. Hu minnu li, kif argumentat id-difiza, din mhux prova univoka, imma mill-banda l-ohra din il-Qorti lanqas tara li sal-grad tal-probabbli kien pruvat li dan gara b' koincidenza jew kumbinazzjoni li nstabu l-istess tip ta' boroz tal-plastic ghand l-appellant li kienu identici ghal dawk li fihom instabu l-oggetti misruqa. Il-konicidenza hija *"too far fetched"* u l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tittrattha bhala tali. Li mbaghad l-appellant ma kienx strangier ghall-fabbrika minn fejn sar is-serq ripetut ghax kif jistqarr hu stess fl-istqarrija tieghu (fol. 22 et seq) kien proprju jonsob warajha w kien ta' sikwiet jigbor imbarazz li jkun intrema' barra din il-fabbrika w kumbinazzjoni ohra l-boroz tal-plastic tal-*peat* minn hemm gabarhom, hija cirkostanza ohra li tkompli torbtu mar-reat lilu addebitat.

Illi ghalkemm ix-xhieda ta' Richard Bugeja hija xiehda ta' komplici fir-reat ta' ricetazzjoni, bl-emenda ta' natura procedurali ghall-artikolu 639 (3) tal-Kodici Kriminali li sehhet bl-art.21 tal-Att XVI tas-sena 2006, strettament ma baqax mehtieg li x-xhieda tal-komplici trid tkun bizzejjed korroborata b' cirkostanzi ohra, u salv dak li tghid il-ligi kif emendata fir-rigward ta' processi li jkunu qed jinstemghu quddiem il-gurati, x-xiehda tal-komplici wahedha bla korroborazzjoni tista' tkun bizzejjed biex fuqha tinstab htija. L-artikolu 638 (2) di fatti jiddisponi li f' kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Hu pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li emendi ta' natura procedurali jidhlu fis-sehh minnufieh. Din l-emenda di fatti dahlet fis-sehh qabel ma saret it-trattazzjoni finali tal-kawza mill-Prosekuzzjoni w mid-difiza w ovvjament qabel ma nghatat is-sentenza appellata w ghalhekk kienet il-ligi li tirregola l-materja.

Illi l-Ewwel Qorti meta giet biex tevalwa l-versjoni tal-appellant qalet testwalment li "*Illi frankament xejn ma kien konvincenti l-akkuzat dwar l-iskuza minnu misjuba biex jiskredita lil Bugeja.* "

Din il-Qorti tikkondividi dan l-apprezzament dwar il-kredibilita' tal-appellant. Hu ferm inverosimili li bejn zewgt ihbieb wiehed jasal biex jikxef u jiddenunzja falsament lill-iehor b' reat serju ta' ricettazzjoni, anzi addirittura bir-reat ta' serq (li pero' l-appellant ma nstabx hati tieghu mill-Ewwel Qorti) biex ipattihielu ghax l-akkuzat ma kellmux aktar ghax ix-xhud ma lestilux fil-hin zewg xkafef tal-injam ghal xi vetrina li kien ghamillu qabel!

Din l-ispjegazzjoni m'ghandhiex mis-sewwa, mhix verosimili w ma tissodisfax lanqas sal-grad tal-probabbli w din il-Qorti taqbel li l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li ragjonevolment u legalment tiskartha. Mbaghad anki l-mod evaziv u konfuzjonarju kif xehed l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, anki kif jidher mit-traskrizzjoni tax-xiehda tieghu, ftit li xejn jispira fiducja w kredibilita'. L-Ewwel Qorti terga' mbaghad kellha l-vantagg li tisimghu *viva voce* u setghet taghmel apprezzament ferm ahjar tal-imgieba, kondotta w karattru tax-xhud fuq il-pedana meta kien qed jirrelata dak li l-Inglizi jsejjhu *"a cock and bull story"* biex jipprova jiskredita lil Bugeja w jahrab mir-responsabbilta' kriminali tar-ricettazzjoni w spacc tar-*res furtiva* li attribwielu Bugeja.

Ghalkemm l-Ewwel Qorti deherilha li kellha taghti l-beneficcju tad-dubju lill-appellant dwar ir-reat ta' serq u fuq dan ma hemmx appell, fic-cirkostanzi zgur li ragjonevoment u legalment setghet issib htija tal-akkuza alternattiva ta' ricettazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha ragunijiet biex tissindaka l-apprezzament tal-fatti maghmul fuq il-htija dwar it-tieni imputazzjoni.

Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju li jirrigwarda r-recidiva, ghalkemm mill-fedina penali aggornata tal-appellant li hi kulurita bizzejjed u li turi li mill-1951 'l hawn issubixxa mhux inqas

minn ghoxrin (20) kundanna mill-Qrati li fi' tminja (8) minnhom wehel piena karcerarja, jirrizulta li l-appellant hu recidiv fis-sens tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, dan mhux bizzejjed biex jiskatta dak li hemm mahsub fl-artikolu 50 u cioe' zieda fakoltattiva fil-piena bi grad. Biex jiskatta dan il-provvediment jehtieg li jigi pruvat li l-akkuzat ikun ghamel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li jkun skonta jew tkun giet mahfura l-piena ghad-delitt li jkun gie kundannat ghalih precedentement fejn iz-zmien tal-piena li jkun gie kundannat ghaliha fl-ewwel kaz tkun izjed minn hames snin prigunerija, jew fi zmien hames snin fil-kazijiet l-ohra kollha.

F' dan il-kaz mill-ghoxrin kundanna li kellu l-appellant dawk li jistghu jkunu rilevanti biex jiskatta l-provvediment tal-artikolu 50 huma l-kundanni li hu ssubixxa fit-2 ta' Marzu, 1990 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali w dik li ssubixxa fil-21 t' Awwissu, 1991 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. F' ta' l-ewwel kien gie kundannat LM150 multa ghal reat ta' ricettazzjoni w f' tat-tieni kien gie kundannat ghal sentejn prigunerija ghal reati ta' tentattiv ta' serq, reat kontinwat ta' serq aggravat minn fabbriki fl-Industrial Estate tal-Marsa, ricettazzjoni w recidiva. Illi f' dawn iz-zewg kazi, ladarba l-piena ma kienetx teccedi l-hames snin prigunerija, ghalhekk kienet applikabbli r-recidiva "brevi" ta' hames snin. Dan it-terminu kien jiskadi f' Marzu, 1995 fl-ewwel kaz u zgur mhux aktar tard minn Awwissu, 1996 fit-tieni kaz.

Ladarba r-reat ta' ricettazzjoni li nstab hati tieghu l-appellant bil-fors li ried jissucciedi jew fl-istess zmien tas-serq jew wara, w skond l-akkuza dan gie kommess fit-3 ta' Gunju, 1999 u x-xhur ta' qabel, zgur li s-serq u inqas u inqas ir-reat ta' ricettazzjoni li seta' jigi kommess biss wara li jkun gie kompjut ir-reat ta' serq, ma setax imur lura ghall-Awwissu, 1996. Di fatti r-rapporti ta' serq mill-fabbrika tal-Continental Postform Ltd. kollha jirrisalu ghas-sena 1998 skond ix-xiehda ta' Emmanuel Chircop (fol. 51 et seq.) u ta' Charles Busuttil (fol. 69 et seq.) u dan hu konfermat mix-xiehda tall-Ispettur Mario Bonello (Fol. 83) u mill-okkorrenza esebita (Dok A a Fol. 49) li tirriferi ghall-serqa li giet rapportata fil-11 ta' Settembru, 1998. Ergo f'

dan il-kaz mhux applikabbli l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali w l-appellant ghandu ragun f' dan l-aggravju, li qed jigi ghalhekk milqugh.

Illi aggravju iehor hu li fil-kaz tar-ricettazzjoni l-valur tal-oggetti misruq hu importanti ghall-fini tal-piena ghax il-piena hija dik tas-serq skond il-valur tal-oggett, skond l-artikolu 334 (a) tal-Kodici Kriminali. F' dan il-kaz, skond l-appellant, ma hemmx il-prova tal-valur u ghalhekk hu jissottometti li, f' kaz ta' dikjarazzjoni ta' htija, hu ghandu jigi punit skond l-inqas valur possibbli.

Issa f' dan il-kaz saru diversi provi dwar il-valur tal-oggetti li gew misruqa mill-fabbrika tal-Continental Postform Ltd. imma kif ben tajjeb jargumenta l-appellant, ladarba hu ma nstabx hati tar-reat ta' serq, imma biss ta' dak tar-ricettazzjoni, ma saritx il-prova li hu kien xjentement laqa' ghandu jew xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi r-*res furtiva* kollha. Pero', fil-fehma ta' din il-Qorti, ladarba hu nstab hati tar-ricettazzjoni zgur relattivament ghall-oggetti li nstabu gol-istabiliment tal-Qormi Aluminium, wiehed irid jara jekk quddiem l-Ewwel Qorti giex stabilit al menu il-valur ta' dawn l-oggetti hemm misjuba li zgur kienu gejjin minn serq u li kif qed jigi konfermat minn din il-Qorti gew fil-pussess tal-appellant li mbaghad ftiehem ma Bugeja biex ibieghhom jew imexxihom.

Illi mill-kwantita' ta' kaxxi bil-viti li nstabu ghand Qormi Aluminium (ara ritratti a fol. 21 Dok. PC u x-xiehda ta' PS 61 Josef Ciappara a fols. 27 et. seq. li jghid li nstabu sebghin (70) kaxxa viti li kull wahda kellha 'l fuq minn 2000 vit, ) u bil-prezz ta' LM19.49c *per carton landed costs*, (fol. 77), dawn diga' wahedhom ghandhom valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000). Dan apparti nases u oggetti ohra bhal saqajn u plastic edges, eccetera, li rrizulta li mexxa l-appellant. Ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li gie pruvat sal-grad tac-certezza morali li l-valur tal-oggetti ricettati w mibjugha w/jew immexxija mill-appellant kien jeccedi l-elf lira Maltin u kwindi kienet applikabbli l-piena kontemplata ghas-serq aggravat bil-valur biss li pero' jeccedi l-LM1000 u cioe' dik ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa seba snin, skond l-art.

279 (b) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk dan l-aggravju jidher infondat u qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-ahhar aggravju dwar il-piena, din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.). F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.

Ghalkemm ma tiskattax iz-zieda fil-piena minnhabba r-recidiva skond l-artikolu 50 kif fuq intqal, l-appellant xorta wahda hu recidiv u, kif gja ntqal, mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizultaw mhux inqas minn ghoxrin kundanna, wahda minnhom addirittura ghal reat minnu kommess wara dar-reat li tieghu qed jinstab hati. Hu gie sentenzjat ghall-piena karcerarja mill-inqas tmin (8) darbiet u nonostante l-eta' avvanzata tieghu ma tghallem xejn u baqa' ghaddej bil-karriera kriminuza tieghu li tispecjalizza fis-serq u ricettazzjoni w dana apparti ksur tal-ligi iehor ripetut. Ghalhekk ikun assurd li din il-Qorti, minnhabba biss l-eta' avvanzata tieghu, tapplika xi provvediment iehor ghajr piena karcerarja kif qed jissuggerixxi l-abbli difensur.

Pero' in vista tal-fatt li, kif gja ntqal, ma jiskattax l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali kif erronjament irriteniet l-Ewwel Qorti, hemm lok ghall-rivizjoni tal-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni tar-reat kontinwat ta' serq aggravat u fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni tar-reat kontinwat ta' ricettazzjoni t' oggetti misruqa w li xjentement b' kull mod indahal biex ibieghhom u

jmexxihom kif ukoll fejn sabet lill-appellant hati tal-addebitu tar-recidiva skond l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, tirrevokaha biss in kwantu sabithu wkoll hati tal-addebitu kontemplat fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali w in kwantu kkundannatu ghal tmintax il-xahar prigunerija w minnflok tilliberah minn dan l-addebitu w tikkundannah ghall-piena ta' sittax (16) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------